MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 1380/2002/1

**Joseph Tabone**

**vs**

**Carmel Agius**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta’ Ottubru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fiid-29 ta’ Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jgi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm457.00) rapprezentanti danni kagunati lill-attur f’incident stradali tas-7 ta’ April 2002, Hal-Qormi, bejn vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBA 227 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAR 329

misjuqa mill-konvenut, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa kkontesta t-talba attrici stante li ghall-incident kien jahti l-attur li fetah il-bieba meta kien ghaddej il-konvenut kif pruvat mix-xorta ta' hsara rapportata fil-vettura tal-attur.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Tabone u Maryanne Mangion. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' April 2002, fi Triq l-20 ta' Jannar, Hal-Qormi, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBA 227 propjeta' tal-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAR 329 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kellu l-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EBA 227 parkeggjata fi Triq 20 ta' Jannar, Hal-Qormi. Huwa jghid li kien dahal fl-imsemmija vettura u waqt li kien qed jaghlaq il-bieba, il-vettura tal-konvenut baqghet diehla fil-'mudguard' ta' wara u mbaghad fil-bieba u fil-mudguard ta' quddiem tal-vettura tieghu. Dejjem skond l-attur il-vettura tieghu kienet parkeggjata thares fl-istess direzzjoni l kien qed jiprocedi fiha l-konvenut u kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, liema triq hija wiesgha. L-attur jghid ukoll li l-konvenut nizel mill-vettura tieghu, skuza ruhu u qal li kien 'blankja". Skizz ma sarx stante li meta l-partjiet marru l-Ghassa, s-Surgent infurmahom li fejn ikun hemm involuta karozza parkeggjata, ma jsirx skizz. In kontro-ezami l-attur kompla jsostni li huwa kien ghadu kemm dahal fil-vettura u kien qed jaghlaq il-bieba u cahad li huwa fetah il-bieba u laqat il-vettura l-ohra. Huwa qal li l-bieba kienet ghadha miftuha madwar sitt pulzieri. Huwa kkonferma li l-hsara fil-vettura tieghu kienet dik indikata fir-ritratti esibiti mill-konvenut u mmarkati minn Dok. CA1 sa

Dok. CA4, izda qal ukoll li l-vettura tieghu kellha wkoll hsara fuq  wara tal-vettura, liema hsara ma tidhirx fir-ritratti.

Illi Maryanne Mangion, li kienet passiggiera mal-attur, ghall-ewwel ikkoroborat il-verzjoni moghtija mill-attur, izda in kontro-ezami hija ammettiet li hi u l-attur kienu ghadhom kemm waslu Hal-Qormi, kienu ghadhom kemm ipparkeggaw u riedu johorgu mill-vettura.

Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-attur m'hijiex kredibbli. Apparti li x-xhieda tieghu giet kontradetta minn Maryanne Mangion li qalet li huma kienu ghadhom kemm jaslu fuq il-post u riwdu johorgu mill-vettura, u mhux kienu ghadhom kemm dahlu fil-vettura u qeghdin jaghlqu l-bieba kif xehed l-attur, il-hsara riportata fil-vettura tal-attur kif tidher fir-ritratti hawn fuq imsemmija hija koncentrata fil-ponta tal-bieba u tindika li fir-realta' l-attur kien qed jiftah il-bieba u mhux jaghlaqha. Li kieku l-bieba kienet qed tinghalaq, din kienet titqaccat. L-attur jipprova jispjega l-mod kif giet kawzata l-hsara billi isostni li l-konvenut l-ewwel dahal fuq wara tal-vettura tieghu, imbaghad dahal fil-bieba,  izda huwa ma gab ebda prova li tindika li l-vettura tieghu effettivament kellha hsara fuq wara wkoll.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-incident 'de quo' sehh unikament tort tal-attur li qabad u fetah il-bieba tal-vettura tieghu minghajr ma accerta ruhu li ma kienx qed jostakola l-kareggjata tal-vetturi li kienu qed jiprocedu fit-triq.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur."

L-attur appella minn din is-sentenza b'aggravju fil-meritu. Huwa jikkontendi illi t-Tribunal injora l-ammissjoni tat-tort da parte tal-konvenut appellat.  B'hekk, skond l-appellant, it-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalita` u tal-ekwita` u l-azzjoni ippregudikat il-jeddijiet tieghu.

Il-konvenut wiegeb illi kull ma ghamel it-Tribunal kien semplicement apprezzament tal-provi u dan ma kienx

jaghti lill-appellant aditu ta’ appell billi l-ligi stess dan teskludih.

Effettivament l-artikolu 8 ta’ l-Att V ta’ l-1995 jirrestringi d-dritt ta’ l-appell ghall-kazijiet biss fih ipotezzati, biz-zieda illum tad-dritt ta’ appell fil-kazijiet kollha fejn l-ammont disputat ikun jaqbez il-hames mitt lira. Dan l-ahhar dritt ma japplikax ghal kaz in disamina kemm ghax l-ammont involut ma jeccedix il-Lm500 kif ukoll ghaliex dan id-dritt gie biss introdott fis-16 ta’ Lulju 2003 bl-Avviz Legali 161/2003.

Sewwa ntqal mill-appellat illi gjaladarba d-decizjoni moghtija mit-Tribunal kienet ibbazata merament fuq apprezzament tal-fatti li sehhew u li taw lok ghall-incident stradali, l-ligi, fl-istat li kienet fil-mument tad-decizjoni u ta’ l-appell minnha, kienet teskludi appell fuq apprezzament ta’ fatt.

Huwa veru li s-subinciz 2(d) ta’ l-artikolu 8 jipprovdi li jista’ jsir appell meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ mparzjalita` u ta’ ekwita` skond il-ligi, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella. Daqstant iehor pero` hu veru wkoll, fil-fehma ta’ din il-Qorti, illi d-decizjoni attakkata mill-appellanti ma tistax titqies konfliggenti ma’ dan is-subinciz.

Bla dubju ta’ xejn din il-Qorti ma tista’ tirravvisa xejn fir-rigward ta’ l-imparzjalita` tat-Tribunal. Infatti mill-istess kontenut tar-rikors ta’ l-appell mkien ma gie accennat illi t-Tribunal ma mexiex b’mod xieraq u gust fil-kondotta tal-proceduri. Il-fatt li fil-parti razzjonali tas-sentenza t-Tribunal ghazel li ma jaccettax il-versjoni tal-fatti tal-appellant dwar kif sehh l-incident ma jistghax, u anzi, ma ghandux jikkonduci ghal konkluzjoni illi allura t-Tribunal agixxa b’mod parzjali bi pregudizzju ta’ l-attur appellant.

Dejjem jekk jigi accettat illi l-konvenut appellat kien offra d-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal, dak li ma jirrizultax mill-atti li hu l-kaz, l-fatt, imbaghad, tan-nuqqas tat-traskrizzjoni ta’ din l-istess xhieda fl-atti kellha se mai titqies ta’ pregudizzju ghall-interessi tal-istess konvenut, u

mhux vice-versa. Anke kieku, pero`, minn naha l-ohra jigi ammess li xehed, il-fatt tan-nuqqas tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tieghu ma jfisserx lanqas illi t-Tribunal ma jkunx qies din l-istess deposizzjoni fid-deliberazzjoni tieghu. Wiehed m'ghandu qatt jinsa illi skond l-Artikolu 9 ta' l-Att il-proceduri huma sommarji, bl-anqas formalita` possibbli u t-Tribunal jista' jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq.

Irid jigi rilevat ukoll illi x-xhieda tal-konvenut lanqas ma kienet daqshekk vitali in kwantu fl-apprezzament tieghu tal-provi t-Tribunal deher li kkonvinca ruhu mhux daqstant minn xi konflittwalita` bejn il-versjoni tal-attur u dik tal-konvenut izda pjuttost minn certi elementi ta' kontradditorjeta` bejn il-versjoni tal-attur appellant u dik tax-xhud Maryanne Mangion, prodotta minnu, u li kienet passiggiera mieghu fil-vettura. Kontradditorjeta` li weriet bic-car li t-Tribunal ma kienx sodisfatt mill-versjoni provvduta mill-appellant.

Dan premess, huwa evidenti, imbaghad, illi t-Tribunal ma ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita`. Kif gja fuq espost il-gudizzju tieghu kien unikament arginat fuq il-fatt tal-kontraddizzjoni additata minnu fl-evalwazzjoni tal-provi u li l-attur appellant ma rnexxielux, b'konsegwenza, jiskarika, b'obbligu probatorju, l-piz tal-prova nkombenti fuqu biex b'hekk jillegittima l-bazi tat-talba tieghu. Il-fatt li t-Tribunal injora l-allegazzjoni tal-attur appellant illi wara l-incident il-konvenut kien ammetta mieghu t-tort ghall-akkadut ma jgibx ghal daqshekk illi t-Tribunal kien inikwu fl-apprezzament tieghu. Hu ovvju illi ghat-Tribunal kien hemm cirkostanzi ohra bastanti biex jikkonvincuh illi l-versjoni tal-appellant ma kienetx wahda perswasiva u konklussiva. Kien bizzejjed li t-Tribunal, fl-isfera tal-attribuzzjonijiet konferiti lilu bhala l-uniku arbitru tal-fatti, jhossu sodisfatt li t-talba attrici ma kienetx, fic-cirkostanzi tal-kaz, gustifikata.

Dan kollu ragunat iwassal ghal konkluzjoni illi l-appell propost kien improponibbli u l-attur appellant ma kellux ir-rimedju pretiz minnu fil-konfront tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata tat-Tribunal, konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------